# 73. Ġesù fil-Ġetsemani

## *iddedikata lin-nies ta' Raħal Twelidi*

Kif kien qed għarkopptejh taħt iż-żebbuġa
Ġesù ftakar f'elf ħaġa, kemm fl-imgħoddi
u kemm fli ġej, u ftakar fost l-oħrajn
f'raħal twelidu.

Ħelwa daqs l-għasel dehret it-tifkira
tad-dar ċkejkuna ta' missieru u ommu,
fejn tfajjel żgħir feraħ u lagħab bil-boċċi
flimkien mal-anġli,

U ġera magħhom qalb l-għoljiet u r-raba',
fl-għelieqi qalb is-sbul u qalb id-dwieli,
flimkien ma' mrieħel kbar bojod u twajba
ta' nagħaġ u ħrief.

'Mma morra daqs is-semm feġġet id-dehra
tan-nies tar-raħal tiegħu li għall-għira,
maqdruh, kasbruh, ħaġġruh għax xtaquh jibqa'
ċkejkuni bħalhom.